Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Stacy Attard)

vs

Joseph Cardona

Kumpilazzjoni Numru: 298/2020

Illum, is-sittax (16) ta' Ottubru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Cardona detentur tal-karta tal-identità b'numru 531890M li gie akkuzat talli fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020, ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar

u/jew fil-hinijiet wara gewwa l-inhawi maghrufa bhala Ta' Manduca, fil-limiti ta' Had Dingli, u jew f'dawn il-gzejjer:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, izda bil-hsieb li jikkaguna hsara fuq il-gisem jew fis-sahha, u cioè feriti ta' natura gravi permezz ta' arma regolari fuq il-persuna ta' Simon Azzopardi (ID 585641M), Raymond Azzopardi (ID 327177M), u ulied minuri tal-istess Raymond, u cioè Ramona Azzopardi (ID 423008L) u Simon Azzopardi (ID 400206L) wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu;

2. U aktar talli ikkawza lil Simon Azzopardi (ID 585641M), Raymond Azzopardi (ID 327177M) u ulied minuri tal-istess Raymond, u cioe Ramona Azzopardi (ID 423008L) u Simon Azzopardi (ID 400206L) bizà li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet;

3. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioè gharraq vettura tal-ghamla Citroen C3 bin-numru tar-registrazzjoni JCD125 u ta' lewn *silver*, ghad-detriment ta' Simon Azzopardi (ID 585641M) u/jew persuni ohra liema hsara hi izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250) u mhux aktar minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500);

4. U aktar talli ghamel lil Simon Azzopardi (ID 585641M), Raymond Azzopardi (ID 327177M) u ulied minuri tal-istess Raymond, u cioe Ramona Azzopardi (ID 423008L) u Simon Azzopardi (ID 400206L) ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra;

5. U aktar talli zamm f' xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja;

6. U aktar talli fl-istess data, perjodu, hin, lok, u cirkostanzi, spara arma tan-nar u cioe senter tal-ghamla Shotgun Silma bin-numru 149624, f'post abitat;

7. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala detentur tal-licenzja naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenzja jew kellu fil-pussess jew kien igorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux specifikati fil-licenzja mahruga lilu;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt illi kien qieghed jaghmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna jew hsara fil-propjetà, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjoni jew imitazzjoni ta' dawn l-oggetti;

9. Akkuzat ukoll talli bhala pussessur ta' licenza taht l-artikolu 27 (1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-licenza;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurtà ta’ Simon Azzopardi (ID 585641M), Raymond Azzopardi (ID 327177M), u ulied minuri tal-istess Raymond, u cioe Ramona Azzopardi (ID 423008L) u Simon Azzopardi (ID 400206L) u tapplika l-provvedimenti ta’ Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tapplika Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ai favur Simon Azzopardi (ID 585641M), Raymond Azzopardi (ID 327177M) u ulied minuri tal-istess Ramond, u cioe Ramona Azzopardi (ID 423008L) u Simon Azzopardi (ID 400206L).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ sejbin ta’ htija, tordna il-konfsika tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta’ kulma jkun gie miksub bid-delitt, u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna r-revoka ta’ kull licenzja jew permess mahruga taht l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 hekk kif emendat u taht it-Taqsima XV tal-Kodici

tal-Ligijiet tal-Pulizija hekk kif stabbilit taht regolament 27 (2) tal-Avviz Legali 70 tas-sena 2006 hekk kif emendat u s-sospensjoni tal-licenzja taht il-Kapitolu 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li jidrilha xieraq din il-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat li d-difiza ma kkontestatx l-arrest tal-imputat;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju 2022 fejn biha elenka dawk l-Artikoli li dwarhom qed jitlob li tinstab htija u cioè:

1. Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(c)(d), 217 u 218 (1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikoli 251(3), 251B(1)(2) u 251H(d)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 5(1), 51(2), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fir-Regolamenti 18(2)(a) u 27(2)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.52 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 52 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 55(a), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-Artikoli 27(1), 52, u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Fl-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. Fl-Artikoli 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti b'mod sommarju wara li nqraw lilu l-Artikoli tal-Ligi;

Rat l-atti tal-inkjesta Nru. 894/2020 redatta mill-Magistrat Dr Marse-Anne Farrugia.

Semghet ix-xhieda kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Stacy Attard** li pprezentat u esebiet l-istqarrija tal-imputat, certifikat tat-twelid, il-fedina penali tal-imputat kif ukoll okkorrenza. Oltre minn hekk tghid li fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 giet infurmata li ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar kien dahal rapport rigward sparatura li sehhet fl-akkwati maghrufa bhala Ta' Manduca limiti ta' Had-Dingli. Tghid li marret fuq il-post flimkien max-xufier taghha u sabet is-Surgent digà fuq il-post flimkien ma' PC 960.

Tghid li kien hemm prezenti wkoll Simon Azzopardi u ibnu Raymond Azzopardi li dehru li kienu taht xokk. Tghid li spjegawlha li huma kienu hiergin mill-Ghassa tar-Rabat u bdew isuqu lura lejn ir-razzett ta' Simon Azzopardi. Jghidu li l-vettura li uzaw kienet

tal-ghamla Citroen C3 bin-numru JCD-125 u li fiha kien hemm Simon Azzopardi jsuq, ibnu fuq quddiem bhala passiggier u t-tfal fuq wara. Xhin waslu vicin tali razzett inzertaw zewg karozzi pparkjati hdejn xulxin fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Tkompli tghid li l-karozzi pparkjati kienu tal-ghamla Isuzu Demax (bin-numru ANG-088 li tappartjeni lil Angie Azzopardi) u Nissan Navarro (bin-numru CCC-453 li tappartjeni lill-imputat Joseph Cardona).

Tixhed li spjegawlha li appena qabzuhom, Angie Azzopardi daqqet il-horn u mbaghad dawn iz-zewg vetturi hargu jsuqu warajhom. Tghid ukoll li Raymond Azzopardi u Simon Azzopardi qalulha li huma u dehlin gor-razzett l-imputat spara zewg tiri b'senter li gie deskritt b'lewn iswed. Tkompli tghid li Simon Azzopardi spjegalha li hu baqa' jsuq gor-razzett u ssakkru gewwa fejn hemmhekk semghu lil Angie Azzopardi tghajjat. Tghid ukoll li flimkien ma' Raymond Azzopardi hi marret fil-post fejn allegatament gew sparati t-tiri u ghalhekk ordnat li tinghalaq it-triq sabiex tippreserva l-evidenza. Tghid li immedjatament bdiet it-tfittxija ghall-imputat Joseph Cardona u fil-fatt marru gewwa Triq il-

Mithna, is-Siggiewi u sabu kemm lil Angie Azzopardi kif ukoll lil imputat Joseph Cardona.

Tghid li gewwa l-fond instabet arma li kienet ta' kulur iswed. Tkompli tixhed li minn hemmhekk Angie Azzopardi u l-imputat Joseph Cardona ttiehdu lejn id-Depot tal-Pulizija. Tghid li taht l-imputat tqieghdet borza sabiex jigi preservat il-*gunshot residue*. Tghid li din il-borza giet mghoddija lill-membri tas-SOCO. Tghid li l-imputat ried l-ewwel jikkonsulta mal-avukat tieghu qabel ma jiehu t-test tal-GSR. Eventwalment accetta li jaghmel tali test. Tixhed ukoll li Angie Azzopardi qaltilha li t-tifla Ramona Azzopardi qattghet weekend shih ghand missierha u li fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 hi marret tigbor lill-istess Ramona Azzopardi mir-razzett izda nzertat lil Simon Azzopardi u certu Frankie Azzopardi li qalulha li t-tifla ma riditx tmur lura ghandha. Tixhed li Angie Azzopardi stqarret maghha li dak il-hin tal-allegat reat hi rat tir fid-direzzjoni tal-vettura misjuq minn Simon Azzopardi u gej mill-vettura ta' warajha.

Tikkonferma li fis-sistema ma nstab ebda rapport mill-parte civile dwar theddid da parti ta’ Angie Azzopardi. Ipprezentat kopja ta’ sentenza mmarkat bhala Dok. SG1.

Xehed <u>Raymond Azzopardi</u> li qal li hu ghandu zewgt (2) itfal u cioè Simon Azzopardi u Ramona Azzopardi. Jikkonferma li ommhom hija certu Angie Azzopardi li tigi l-eks mara tieghu. Jispjega li ibnu Simon Azzopardi jghix mieghu filwaqt li bintu Ramona ghadha tghix ma’ ommha. Jiftakar li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Gunju tas-sena 2020 Ramona Azzopardi marret ghandu u li l-istess Ramona stqarret li hi ma riditx tmur iktar ma’ ommha Angie Azzopardi. Jghid li dak kien is-Sibt u jkompli jixhed li t-tifla qaghdet ghandu l-ghada u cioè l-Hadd kif ukoll it-Tnejn. Jghid li t-Tlieta filghodu l-omm Angie Azzopardi qalet li ser tigbor lil Ramona fis-saghtejn ta’ wara nofsinhar.

Jghid li fit-tletin (30) ta’ Gunju 2020 Angie Azzopardi marret ghand missieru r-Rabat u mbaghad giet ir-razzett fejn hi bdiet tghajjat f’wiccu. Jikkonferma li kien gie mhedded mill-eks mara u kawza ta’ dan mar ma’ missieru u t-tfal jaghmel rapport l-Ghassa. Jghid li

kien missieru li kien qieghed isuq karozza tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni JCD-125. Jixhed li hekk kif waslu fit-Triq li taghti ghad-dar fegget Angie Azzopardi flimkien mal-imputat Joseph Cardona bil-karozza taghhom. Jixhed li l-imputat huwa fil-fatt is-sieheb ta' Angie Azzopardi. Jghid li grew ghalihom bil-karozza. Jispjega li l-imputat nizel mill-karozza u gab senter ta' lewn iswed u spara darbtejn (2). Jixhed li waqt li dawn l-isparaturi sehhew waqt li kien fil-karozza u li fil-fatt comb habat mal-istess karozza. Jghid li appena ndunaw li l-garaxx kien miftuh dahlu gol-istess garaxx u nqaflu gewwa biex icemplu l-pulizija. Jixhed li l-karozza tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni JCD-125 ghandha titjir tac-comb kif ukoll zewg (2) tiri. Jghid li waqt li kienu maqfulin fil-garaxx sema' lilha tghajjat b'mod ripetittiv "ohorgu".

Jixhed li hu u Angie Azzopardi ghaddejjin minn process ta' separazzjoni u li hemm digriet rigward l-access tat-tfal. Jghid li d-digriet jistipula li t-tifel ghandu joqghod mieghu filwaqt li t-tifla maghha u jittiehdu bil-hinijiet. Jghid li s-Sibt ta' qabel ma sehh l-allegat incident kellha tigi Angie Azzopardi biex tigbor it-tifla izda dan ma sehhx. Jghid li hu ma jikkomunikax mal-istess Angie Azzopardi. Jghid ukoll li t-tifla mwerwra minn ommha. Jghid li

Angie Azzopardi ma baqghetx tati kaz id-digriet rigwardanti l-access tat-tfal u fil-fatt tigi bit-tifla meta jfettlilha hi.

Xehed **Simon Azzopardi** li spjega li huwa jigi missier Raymond Azzopardi. Jixhed li fit-tletin (30) ta' Gunju ta-sena 2020 giet Angie Azzopardi d-dar tieghu thabbattlu l-bieb u theddu. Jispjega li dan sehh ghaliex hi riedet tiehu t-tifla Ramona Azzopardi lura maghha. Jghid li mar ma' Raymond Azzopardi kif ukoll mat-tfal sal-Ghassa tar-Rabat biex jaghmlu rapport. Jghid li huma u dehlin fir-razzett gew Angie Azzopardi u l-imputat Joseph Cardona. L-istess Joseph Cardona mbaghad spara zewg tiri ghal fuq il-karozza tieghu li hija tal-ghamla Citroen.

Jghid li wara l-isparaturi hu flimkien ma' Raymond u t-tfal inqaflu gol-garaxx. Jispjega li Angie Azzopardi giet wara l-bieb tal-istess garaxx tghajjat sabiex johorgu minn hemm gew. Ikompli jispjega li l-imputat Joseph Cardona kien spara zewg (2) tiri b'senter iswed. Jixhed li l-imputat Joseph Cardona u Angie Azzopardi gew b'zewg (2) karozzi u li l-imputat fil-fatt hareg is-senter mill-karozza tieghu li hija ta' ghamla Datsun u b'lewn iswed. Jghid li t-tifla

kemm-il darba qaltlu li Angie Azzopardi qieghda tippjana biex toqtol lil Raymond Azzopardi u li sahansitra trid tbigh il-vann sabiex ikollha l-flus u toqtol lill-istess Raymond Azzopardi.

Xehed il-minuri **Simon Azzopardi** li jghid li ma jiftakarx id-data ta' meta gara l-allegat incident izda li sehh fis-sena 2020. Jghid li kienu ma' missieru Raymond Azzopardi, nannuh Simon Azzopardi u ohtu Ramona Azzopardi meta kienu dehlin gor-razzett ta' missieru gewwa Had Dingli. Jghid li normalment jghix ma' missieri Raymond Azzopardi filwaqt li ommu Angie Azzopardi tghix mal-imputat Joseph Cardona.

Ikompli jispjega li ohtu Ramona Azzopardi ilha tghix mieghu u ma' missieru minn mindu gara l-allegat reat u li qabel tali allegat reat kienet tmur bil-granet u dan minhabba l-fatt li kienet tghix mal-omm Angie Azzopardi. Jixhed li lil ommu kien ilu ma jaraha granet qabel l-allegat reat u li hu kien imur ghandha skont il-granet. Ikompli jispjega li l-access kien tali mod li t-tfal gurnata jkunu flimkien ghand l-omm Angie Azzopardi u gurnata ohra ghand il-

missier Raymond Azzopardi. Jixhed li qabel l-allegat reat kien ilu ma jara lil ohtu xi gimaghtejn.

Jixhed li dakinhar tal-allegat incident kienu r-razzett meta mbaghad giet ommu Angie Azzopardi tghajjat li dak il-lejl missieru ma kienx ser johrog mir-razzett. Minhabba f'hekk mar ma' ohtu, nannuh, u missieru jaghmlu rapport gewwa l-Ghassa tar-Rabat. Wara jixhed li huma u dehlin ir-razzett giet ommu flimkien mal-imputat Joseph Cardona fejn dawn segwewhom. Jispjega li l-imputat hareg senter u beda jispara u dan meta waqaf u nizel mill-karozza tieghu. Jghid li meta l-imputat kien qieghed jispara ghal fuq il-karozza hu kien gol-istess karozza ta' nannuh. Jikkonferma li tali karozza ta' nannuh hija tal-ghamla Citroen. Jispjega li wara li spara mar gol-garaxx ma' ohtu, missieru u nannuh u nqafel maghhom.

Ikompli jixhed li s-senter li l-imputat uza kien wahda tal-kacca kbir u ta' lewn iswed. Jghid li meta l-imputat hareg dan is-senter ommu bdiet theggu jispara u li fil-fatt l-istess imputat spara zewg (2) tiri. Jghid li Angie Azzopardi u Joseph Cardona gew bil-vannijiet

rispettivi taghhom. Jistqarr li meta dahal fil-garaxx hu ma setax jara x'kien qieghed jigri izda seta' jisma' lil ommu tghajjat mal-bieb u tghid ripetutement "ohorgu". Jghid li hu ma jafx ghalfejn ommu kienet daqshekk irrabjata imma seta' kien habba l-fatt li la hu u anqas ohtu ma riedu jmmorru joqoghdu maghha. Jghid li qabel dakinhar tal-allegat incident ma jafx jekk ommu gietx tfittex lil ohtu. Ikompli jispjega li hu u ohtu jiddejqu jmorru s'ghand ommhom u li jippreferu joqogodu ma' missierhom.

Xehdet il-minuri **<u>Ramona Azzopardi</u>** li tghid li hi qed tghix ma' missierha Raymond Azzopardi gewwa r-Rabat u li dan mhux minn dejjem kien il-kaz. Tispjega li qabel kienet tghix is-Siggiewi ma' ommha Angie Azzopardi u mal-gharus taghha u cioè Joseph Cardona. Tixhed li s-Sibt ta' qabel it-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 kien cempel missierha waqt li hi kienet l-ghalqa ta' hdejn missierha u dan sabiex isaqsiha jekk hiex se tmur mieghu. Qalet l-ommha li sejra s'ghand missierha u mxiet lejn l-ghalqa ta' missierha. Iltaqghet man-nannu u cioè Simon Azzopardi u mbaghad marru r-Rabat fejn imbaghad gie missierha.

Tghid li hi ma ftehmitx ma' ommha dwar kemm se ddum biex terga' tmur lura ghand l-istess omm. Qabel dak is-Sibt hi kienet ilha ma tarah xi gimghat. Tixhed li s-soltu kienet torqod ghand missierha s-Sibt u l-ghada l-Hadd filghodu kienet tigi ommha ghaliha. Tghid li fil-fatt kienet qieghda tistenna l-ommha tigi ghaliha u l-istess omm ma gietx. Tixhed li ommha kkomuninkat maghha filghaxija u infurmatha li kienet se tigi ghaliha. Tispjega li qalet lil ommha li kien tard wisq u li riedet torqod ghand missierha. Tixhed li ommha qaltilha li allura kienet ser tarmilha l-hwejjeg. Tghid li l-ghada ommha baghtitilha filghodu u avzatha biex tkun jew id-dar jew ir-razzett fis-saghtejn ta' wara nofsinhar inkella kienet ser "tnehhilha il-qziez li ghandha"[1]. Tixhed li hi wiegbet lura li ma riditx tmur lura ghand ommha. Tghid li ommha rrispondiet lura billi qaltilha biex tghid lil missierha xi haga dwar l-avukat u dwar xi karti. Tghid li dawn il-messaggi qalet lil missierha bihom u hu ma rreagixxix ghalihom.

Tkompli tispjega li hi ma riditx tmur lura ghand ommha ghaliex tiddejjaq hafna maghha. Tghid li dakinhar fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 kienu saru s-saghtejn u nofs u semghet lil ommha

[1] Fol. 144-145

tghajjat ma' missierha u ssabbat ix-xatba tar-razzett ta' missierha. Tixhed li ommha bdiet tghajjat "ohrog minn hemm". Hi baqghet fuq hdejn huha Simon Azzopardi mentri ommha kompliet tghajjat u tghid li tahlef li ma "johorgux hajjin minn hemm"[2]. Minn hemm marru jaghmlu rapport l-Ghassa tar-Rabat u li hi fehmet ghalfejn kien ser isir ir-rapport. Tixhed li wara li telqu mill-ghassa, huma u sejrin ir-razzett inzertaw lil ommha bil-vann taghha hierga minn sqaq u daqqet il-horn. Tghid li huma baqghu jsuqu u li mbaghad saq warajhom l-imputat Joseph Cardona, hin minnhom waqaf u nizel mill-karozza sabiex johrog is-senter mill-bieba ta' wara tal-vann iswed tieghu tal-ghamla Navarra. Tghid li hu kompla biex spara zewg tiri fuq in-naha tax-xellug tal-karozza u cioè fejn inzerta kien hemm missierha bhala passiggier fuq quddiem u hi ezatt warajh.

Tkompli tixhed li baqghu jsuqu gol garaxx u sakkru l-bieb. Tghid li hi setghet tisma' lil ommha thabbat fuq il-bieb tal-garaxx u tghajjat diversi drabi "ohorgu". Tistqarr li ma tafx jekk l-imputat

[2] Fol. 147

kienx wara l-garaxx mal-omm ukoll izda semghet biss lil ommha. Kien dak il-hin li missierha cempel lill-pulizija.

Xehdet <u>WPS 145 Graziella Zammit</u> li pprezentat rapport immarkat bhala Dok. GZ1. Xehdet li fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 kienet xoghol l-Ghassa tal-Hamrun meta giet imsejha mill-Ispettur Stacy Attard sabiex tirrapporta gewwa Triq il-Mithna, is-Siggiewi. Tispjega li kien ser isir arrest ta' zewg (2) persuni u li fil-fatt mal-wasla taghha sabet lil Angie Azzopardi. Tixhed li kien hemm allegazzjoni ta' sparaturi fl-inhawi tal-Buskett, Had Dingli u li fil-fatt eskortat lil Angie Azzopardi fuq il-post fejn sehh l-allegat reat sabiex isiru iktar investigazzjonijiet. Tkompli tixhed li fuq il-post kien ukoll l-imputat Joseph Cardona, xi tfal zghar u anka membri tal-familja.

Xehdet <u>WPC 169 Doris Camilleri</u> li xehdet li l-involviment kien li eskortat lil Angie Azzopardi fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 minn Triq il-Mithna, is-Siggiewi sal-lock up. Tghid li dan kien bejn is-sebgha u s-sebgha u nofs ta' filghaxija. Tixhed li meta hi marret

sad-dar numru ghoxrin (20), Triq il-Mithna, is-Siggiewi kien hemm prezenti anka l-imputat.

Xehed **PC 1309 John Scerri** li jghid li fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 kien ha *handover* minn PC 960 fuq il-post tal-allegat sparatura gewwa Had Dingli fiz-zona maghrufa bhala r-Razzett ta' Xmun u dan fis-sebgha neqsin ghoxrin ta' filghaxija. Jghid li flimkien mal-Ispettur Stacy Attard mar gewwa numru ghoxrin (20), Triq il-Mithna, Siggiewi fejn fetah l-imputat Joseph Cardona. Jispjega li wettaq tfittxija ghall-arma u din instabet gewwa l-istess fond.

Jixhed li sabiex jippreservaw il-*gun shot residue* pogga borza tal-*plastik* fuq is-siggu tal-karozza tieghu. Jispjega li l-imputat Joseph Cardona gie skortat ghal-lock up u dan waqt li kien liebes ingwanti tal-latex sabiex il-*gun shot residue* jigi preservat. Ikompli jispjega li l-imputat Joseph Cardona gie moghti d-drittijiet kollha tieghu qabel ma acceda fil-fond numru ghoxrin (20), Triq il-Mithna, Siggiewi.

Xehed PC 1469 Emerson Borg li fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 kien ordnat biex imur fir-rezidenza numru ghoxrin (20), Triq il-Mithna, is-Siggiewi u dan ghaliex instabet arma u vettura li kienet involuta f' xi sparatura gewwa Had Dingli. Jikkonferma li hu baqa' ghassa fuq il-post stante li nstabet l-arma ezatt hdejn il-bieb kif ukoll il-vann ftit 'l isfel mir-residenza.

Jixhed li l-arma giet elevata minn membri tal-Forensika u cioè PC 1561 u PC 1525 filwaqt li l-vettura giet trasferita sal-garaxx ta' Saint Andrew's. Jikkonferma li l-vann kien tal-ghamla Nissan bin-numru ta' registrazzjoni CCC-543 u ta' lewn iswed. Jispjega li wara li giet irmunkata l-karozza hu qaghad ghassa gewwa l-lock up mal-imputat Joseph Cardona.

Xehed il-Perit Richard Aquilina li pprezenta pjanta tal-post tal-incident immarkat bhala Dok. RA1 stante li kien moghti dan l-inkarigu fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020.

Xehed Keith Cutajar li jghid li kien gie nominat fl-Atti tal-Inkjesta biex jezamina l-kontenut tal-mobile tal-ghamla Samsung li

tappartjeni lil Ramona Azzopardi. Jispjega li l-iskop ta' dan l-inkarigu kien biex jinhareg il-komunikazzjoni bejn l-istess Ramona Azzopardi u ommha Angie Azzopardi. L-istess xhud ipprezenta rapport immarkat bhala Dok. KC1 kif ukoll DVD bid-data tal-istess mobile.

Xehdu **<u>PS 1525 Patrick Farrugia</u>** u **<u>PC 1561 Ian Farrugia</u>** li jghidu li kienu inkarigati sabiex jaccedu fuq il-post tal-allegat reat u jwettqu osservazzjonijiet ballistika. Jixhdu li fuq il-post tal-allegat reat wettqu *carpet search* fejn sabu skartocc tal-kacca ta' kalibru tnax (12) u li ma nstab xejn izjed ta' relevanza ghall-kaz odjern. Jghidu li kienu f'zona fejn hemm hafna rziezet u li ghalhekk ikun hemm diversi nies li jipprattikaw il-passatemp tal-kacca.

Jixhdu li rcevew informazzjoni mill-Ispettur Stacy Attard li fil-fond numru ghoxrin (20), Triq il-Mithna, Siggiewi kien hemm prezenti persuna involuta fl-isparatura kif ukoll l-arma tan-nar li allegatament intuzat. Din l-arma giet elevata mill-post u pprezentat bhala Dok. PF2. Tali arma hija senter tal-kacca ta' kalibru tnax (12) tal-marka Silma bin-numru serjali 149624.

Jispjegaw li twettqu ezamijiet ballistici fuq l-arma. Jispjega li fuq il-vettura tal-ghamla Citroen C3 ma nstab ebda evidenza ta' sparar.

Jghid li s-senter tal-marka Silma jiffunzjona b'mod tajjeb. Jghid ukoll li l-iskartocc li nstab fuq il-post kif ukoll is-senter huma kompatibbli u unici ghal xulxin. Ikompli jghid li mill-ezami ballistiku hemm bizzejjed koincidenza u konkordanza li tasal ghall-konkluzjoni li huwa possibbli li dan l-iskartocc gie sparat b'tali arma. Dawn il-konkluzjonijiet jinsabu go rapport ipprezentat u mmarkat bhala Dok. PF1 flimkien mal-iskartocc (immarkat bhala PF3) u *test fires* (immarkat bhala PF4).

Jistqarr li meta gie fuq il-post fejn sehh l-allegat reat l-vettura ma kinitx fil-post originali taghha. Fil-fatt jghid li sab il-vettura wiccha thares 'il barra mir-razzett. Jghid li ghalhekk il-*carpet search* sehh minn fejn sab il-vettura. Jghid li l-iskartocc instab fuq in-naha tal-lemin int u thares 'il gewwa lejn ir-razzett. Jghid li l-iskartocc li sab kien relevanti ghaliex deher frisk. Jghid ukoll li ma jistax jghid fl-indagni tieghu ma jistax jghid meta l-iskartocc gie sparat u dan

minkejja li l-iskartocc u l-arma huma kompatibbli. Jammetti wkoll li ma sarx ezami sabiex jigi determinat jekk l-arma ntuzat ricentement izda ma jistax jeskludi ghal kollox li saret l-isparatura. Jghid li seta' kien il-kaz li l-imputat Joseph Cardona spara fl-arja jew ma jafx jimmira sew u ghalhekk ma nstab ebda sinjal ta' sparaturi fuq il-vettura. Jghid li dakinhar tat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 kienet gurnata kalma bla rih u ghalhekk ma kienx il-kaz li evidenza ta' sparatura ma nstabitx kawza ta' xi rih kien ghaddej.

Xehed PS 826 Matthew Parnis li pprezenta rapport immarkat bhala Dok. MP1, *gunshot residue kit* immarkat bhala Dok. MP2, qalziet ta' lewn iswed immarkat bhala Dok. MP3, u flokk ta' lewn griz immarkat bhala Dok. MP4.

Xehdu PC 1491 Kurt Attard u WPC 156 Lara Garzia li jghidu li kienu gew inkarigati fl-Atti tal-Inkjesta fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 sabiex jaccedu gewwa Sqaq il-Kalkara, Had Dingli fejn allegatament sehhet sparatura. Jghidu li x'hin waslu fuq il-post kien hemm karozza bin-numru JCD-125 tal-ghamla Citroen C3 u

li din kienet karozza involuta fl-allegata sparatura. Jixhed li gie nnutat skartocc u li gie fotografat u elevat mill-esperti tal-ballistika. Jghidu li ttiehdu wiehed u ghoxrin (21) ritratti liema ritratti gew prezentati u mmarkati bhala Dok. 20 BDO 101 sa Dok. 20 BDO 121.

Jixhdu li hekk kif lestew kellhom jaccedu fuq il-fond ghoxrin (20), Triq il-Mithna, is-Siggiewi. Fuq il-post inzertaw vettura bin-numru CCC-453 tal-ghamla Nissan Navara li wkoll kienet involuta fl-allegat sparar. Jghidu li hadu hames ritratti li huma prezentati u mmarkati bhala Dok. 20 BDO 122 sa Dok. 20 BDO 126. Jghidu li elevaw disa' (9) dokumenti ohra pprezentati u mmarkati bhala Dok. 20 BDO 201 KA sa Dok. 20 BDO 205 KA u Dok. 20 BDO GSR1 KA sa Dok. 20 BDO GSR4 KA.

Ikomplu jghidu li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena 2020 huma ghaddew id-dokumenti mmarkati bhala Dok. 20 BDO 201 KA sa Dok. 20 BDO 205 KA lil Dr Marisa Cassar.

Xehed <u>**PS 1222 Karl Vella Cassia**</u> li pprezenta rapport immarkat bhala Dok. KC1. Jghid li nhar it-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 dahlet telefonata li kienet sehhet gewwa l-limit ta' Had Dingli f'zona maghrufa bhala r-razzett tal-baqar ta' Xmun. Jghid ukoll li qabel ma saru l-allegati sparaturi l-vittmi kienu marru l-Ghassa tar-Rabat biex jaghmlu rapport kontra l-mara u l-imputat. Jixhed li tali rapport kien dwar allegazzjonijiet li l-imputat kien involut f'affarijiet immorali quddiem it-tifla Ramona Azzopardi.

Jghid li kien imbaghad ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar li dahal rapport dwar sparatura. Jixhed li hu rrikorra fuq il-post fejn tkellem mal-parte civile Raymond Azzopardi, Simon Azzopardi kif ukoll mat-tfal Simon u Ramona Azzopardi. Dawn qalulu li Angie Azzopardi kif ukoll l-imputat Joseph Cardona kienu fethu n-nar fuq il-vettura tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni JCD-125.

Xehed <u>**PC 508 Aidan Gatt**</u> li kkonferma l-istqarrija tal-imputat Joseph Cardona a fol. 9 tal-process.

Xehed PC 751 Christian Mercieca li jghid li fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghaxija, hu flimkien ma' WPS 145 u WPC 169 gew infurmati mill-Ispettur Stacey Attard sabiex jaccedu gewwa propjetà fi Triq il-Mithna, is-Siggiewi fejn kien hemm Angie Azzopardi u dan sabiex tittiehed il-lock up. Spjega li borza tal-plastic kienet tpoggiet fuq siggu ta' karozza u dan sabiex jigi ppreservat il-*gun shot residue* u dan bl-ghan li tigi evalwata mill-Forensika.

Xehed PS 1243 George Polidano li jghid li fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena 2020 hu kien mar gewwa l-lock up tal-Furjana sabiex jinterroga lill-imputat Joseph Cardona kif ukoll sabiex isir it-test ghal-*gun shot residue*. L-istess imputat inghata d-dritt tal-avukat u fil-fatt ipproceda sabiex isir tali test. Jistqarr li hu ma kienx prezenti ghal dan it-test u anka ma jafx jekk sarx.

Xehed Stephen Cachia rapprezentant ta' Transport Malta li kkonferma u esebixxa dokument immarkat bhala Dok. SC1. Dan id-dokument jikkonsisti ricerka li tikkonferma li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CCC-453 tal-ghamla Nissan Navara ta'

kulur iswed hija registrata fuq l-imputat Joseph Cardona u dan mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena 2017. L-istess ricerka tikkonferma li l-vettura tal-ghamla Citroen C3, kulur silver u numru JCD-125 hija registrata fuq il-parte civile Simon Azzopardi u dan mit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena 2019. Ikompli jikkonferma li l-vettura tal-ghamla Isuzu Pick Up bin-numru ANG-088 kienet registrata fuq Raymond Azzopardi u dan bejn is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena 2015 u s-sitta (6) ta' Settembru tas-sena 2017 u li l-istess vettura giet trasferita fuq Angie Azzopardi. L-istess vettura giet trasferita fuq Noel Gauci ghan-nom ta' Brian's Tyre Services Limited fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena 2021.

Xehed <u>**PC 47 Bernard Briffa**</u> li jghid li fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena 2020 ircieva telefonata filghodu u gie infurmat li sabiex imur jirrapporta gewwa l-lock up. Qaghad ghassa mal-imputat Joseph Cardona stante li kien hemm il-bzonn li jsir test tal-*gunshot residue* u fil-fatt l-istess imputat kien liebes l-ingwanti. Jghid li eventwalment gew l-esperti tal-Qorti fosthom is-Surgent tal-Forensika u l-imputat ittiehed gewwa s-*Search Room* u sarulu t-testijiet tal-*gunshot residue*.

Xehdet **WPC 249 Cassandra Grech** li tghid li minn investigazzjoni li ghamlet ikkonfermat li l-imputat Joseph Cardona ghandu licenzja tat-*target shooter* "A" u "B" filwaqt li hemm ukoll indikat arma tan-nar cioè shotgun tal-ghamla Silma. Ipprezentat ukoll dokument immarkat bhala Dok. CG1 fejn tirrizulta din l-investigazzjoni.

Xehed **Dr Anthony Cutajar** li pprezenta rapport immarkat bhala Dok. AC1 liema rapport kien gie pprezentat fl-Atti tal-Inkjesta 894/2020 u dan meta gie mahtur fit-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena 2020.

Xehed **PC 112 Joshua James Grixti** li jghid li fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 hu kien stazzjonat l-Ghassa tal-Hamrun meta fis-sitta ta' filghaxija gie msejjah biex imur Had Dingli. Jispjega li fuq il-post iltaqa' ma' diversi membri tal-pulizija stazzjonati l-Ghassa tar-Rabat. Ikompli jghid li hu pprosegwa biex jippreserva x-xena ta' fejn sehh l-allegat reat. Jghid li wara li ghadda ftit hin gie l-espert mahtur mill-Qorti l-Perit Richard Aquilina, it-tim forensiku tal-ballistika, kif ukoll is-SOCO. Jixhed li l-vettura li allegatament intlaqtet b'tiri ttiehdet mill-pulizija.

Xehed <u>Dr Mario Buttigieg</u> li gie nominat minn din il-Qorti sabiex jistabbilixxi u jikkwantifika l-hsarat li sehhew fuq il-vettura tal-ghamla Citroen C3. Jghid li din il-karozza giet spezzjonata minnu gewwa Ta' Kandja u sabilha diversi hsarat izda ma kienx jaf minn xiex gew ikkagunati u ghalhekk kellu jerga' jezamina tali vettura. Ikompli jghid li mat-tieni spezzjoni fuq l-istess vettura, jispjega li nstabu diversi hsarat li iktar kienu jappartjenu ma' brix milli b'kagun ta' sparatura. Jixhed li l-unika tracca li sab li setghu kienu simili ghal sparatura sehhew fuq il-bumper ta' quddiem tan-naha tal-lemin. Jikkonferma li l-ammont ta' hsarat ma jitilghux iktar minn mitt ewro (€100). Jikkonferma li ma sab ebda tracci ta' pellets, jew porvli. Jghid li jekk kien hemm sparatura din sehhet minn distanza konsiderevoli u dan stante l-fatt li l-bumper huwa maghmul mill-plastic u li l-istess bumper ma giex imtaqqab. Jikkonferma li dan kollu johrog minn rapport li gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. MB1. Oltre minn hekk jikkonferma li huwa mhuwiex espert ballistiku.

Xehed <u>Frankie Azzopardi</u> li spjega li huwa hu l-parte civile Raymond Azzopardi. Jghid li jaf lill-imputat Joseph Cardona bhala s-sieheb tal-eks mara tal-istess Raymond Azzopardi. Jixhed li hu

jaf bl-incident tal-allegat sparatura minn dak li qallu Raymond Azzopardi u dan stante li ma kienx prezenti. Jghid li qabel l-allegat reat Angie Azzopardi giet fuq ir-razzett targumenta mal-parte civile Raymond Azzopardi u dan ghax hu ma hallihiex tiehu t-tifla Ramona Azzopardi maghha. Jghid li hu jaf b'dan personalment ghaliex kien hemmhekk prezenti jghin lil huh jahleb.

Xehed <u>**PC 984 Kurt Simmons**</u> li jghid li fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena 2020 kien stazzjonat gewwa l-Ghassa tal-Hamrun meta gie infurmat li kellu jinzel gewwa l-lock up tal-Furjana fejn kien hemm prezenti l-imputat Joseph Cardona sabiex jinghata d-drittijiet tieghu tal-avukat kif ukoll sabiex iwettqu fuqu test tal-*GSR*. Jghid li l-imputat kellem lill-Avukat tieghu u cioè Dr Joe Giglio ghal hames (5) minuti u accetta li jaghmel tali test.

Xehdet <u>**Margaret Debattista**</u> li esebiet kampjun tad-DNA elevat minn PC 1491 Kurt Attard u mghoddi lil Dr Marisa Cassar u li digà gie esebit fil-kumpilazzjoni 439/2020 fl-ismijiet Pulizija vs Angie Azzopardi.

Xehdet Dr Marisa Cassar li pprezentat rapport immarkat bhala Dok. MC1 u dan meta fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2020 giet nominata fl-istadju tal-Inkjesta mill-Magistrat Dr Marseanne Farrugia.

Xehed Matthew Grima li pprezenta rapport immarkat bhala Dok. MG1. Jghid li tali rapport jinvolvi analizi li ghamel fuq kampjuni sabiex jiddetermina l-prezenza ta' *GSR* mill-persuna ta' Joseph Cardona. Jghid li l-kampjuni kienu erbgha: minn bieba minn gewwa fuq in-naha tax-xufier, l-isteering, il-gear lever u l-handbrake tal-vettura. Jixhed li nstabet particella wahda li hija karatteristika ghal *gunshot residue* u dan fuq l-isteering. Jghid li bhala konkluzjoni l-prezenza ta' particella wahda mhijiex b'sahhitha bizzejjed biex tikkonferma li dan sehh kagun ta' sparatura ghaliex tista' tindika wkoll li tali particella gejja minn kontaminazzjoni.

Xehdet Benjamina Mifsud li pprezentat verbal immarkat bhala Dok. BM1.

Ikkunsidrat

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati*

*fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of*

*course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li l-allegati reati kkommettihom l-imputat odjern u dan ghar-ragunijiet li sejra tispjega din il-Qorti.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika*

*jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>**Pulizija vs Cyrus Engerer**</u> (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi*

*kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Xhieda Prodotti

Illi f'dawn il-proceduri gew prodotti hafna xhieda u ghaldaqstant din il-Qorti ser ikollha tanalizza liema huma dawk li joffru certezza u dawk li mhumiex ta' min jistrieh fuqhom.

Illi din il-Qorti tinnota li hemm konsistenza assoluta fix-xhieda tal-parte civile u cioè ta' Simon Azzopardi, Raymond Azzopardi, il-minuri Ramona Azzopardi u l-minuri Simon Azzopardi. Kollha jishqu li l-imputat spara zewg (2) tiri lejn il-karozza tal-ghamla Citroen C3 li tappartjeni lil Simon Azzopardi; kollha jixhdu li l-imputat laqat l-istess karozza b'tali tiri; sahansitra kollha jixhdu li l-isparaturi sabu l-mira taghhom fl-istess post tal-vettura u cioè fuq in-naha tax-xellug fejn kienu bil-qieghda Raymond Azzopardi u l-minuri Ramona Azzopardi.

Illi minkejja li din il-konsistenza bejn l-iktar xhieda krucjali, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li wara dan kollu, il-parte civile kellhom ghan wiehed biss u cioè li jiddettaljaw l-imgiba ta' Angie Azzopardi li tigi omm il-minuri Simon Azzopardi u Ramona Azzopardi. Hija din ir-rieda tax-xhieda li jidhlu f'tant dettall dwar persuna li ma hiex l-akkuzata li sserrah din il-Qorti milli tiskarta l-maggor parti tax-xhieda taghhom.

Illi fuq dan l-ahhar punt l-Qorti ma tistax ma tosservax li diversi drabi l-parte civile ma ddejqux juzaw dawn il-proceduri sabiex jilmentaw fuq terza persuna li m'ghandha x'taqsam xejn mar-reati allegati.

Illi oltre minn hekk din il-Qorti hija inklinata biex ma tistriehx fuq ix-xhieda tal-parte civile stante wkoll ix-xhieda moghtija mill-esperti mahturin minn din il-Qorti. Jirrizulta li tali xhieda jindikaw fatti li huma oggettivi u jiddivergi totalment mix-xhieda moghtija mill-parte civile u dan kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem apparti mill-fatt li dawn il-provi cirkostanzjali huma provi xjentifici u li ma gewx ikkontestati.

Il-Hsara Materjali

Illi l-unika prova li tressqet rigward il-hsara li l-imputat allegatament wettaq huwa r-rapport imhejji mill-espert Dr Mario Buttigieg li ezamina l-karrozza tal-parte civile Simon Azzopardi. Stante li tali rapport ma giex ikkontestat mid-difiza u ma tarax ghalfejn m'ghandhiex toqghod fuqu, din il-Qorti sejra taghmel il-konkluzjonijiet tal-istess rapport bhala taghha.

Illi l-ammont ta' hsara gie kkalkolat ghal mhux aktar minn mitt ewro (€100) u ghalhekk dan l-ammont jaqa' taht l-artikolu 325 sub-inciz (1)(c) tal-Kodici Kriminali li jghid hekk:

> "*Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati-*
>
> > *(c) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur;*"

Illi l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-istess espert kif ukoll sejra tikkwota dak li kkonkluda fir-rapport tieghu a fol. 426:

> *"Bhala hsara li jistghu jkunu kompatibbli ma sparatura huwa mal-kantuniera tal-bumper ta' quddiem naha tal-lemin."*

Illi l-Qorti taghmel ampja referenza ghax-xhieda tal-parte civile Simon Azzopardi u Raymond Azzopardi li sahqu li t-tiri li allegatament spara l-imputat sehhew fuq in-naha tax-xellug tal-karozza. Ghalhekk din il-Qorti tinnota kontradizzjoni bejn dak li kkonkluda l-espert mahtur mill-Qorti ma' dak li ntqal mill-parte civile.

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax li hawnhekk digà qieghda titqajjem dubju jekk l-imputat fil-fatt verament uza l-arma. Il-Qorti sejra tispjega din l-osservazzjoni iktar 'il quddiem.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat mhux hati ta' dan l-aggravju.

Uzu tal-Arma

Illi l-parte civile ta' din il-kawza kollha raw lill-imputat bl-arma f'idejh u kollha kienu konsistenti fix-xhieda taghhom meta gew biex jiddeskrivu l-arma tieghu. Din il-Qorti tinnota wkoll li apparti din id-deskrizzjoni, haga ohra li kollha sahqu fuqha kienet li din l-arma ntuzat u li fil-fatt l-imputat Joseph Cardona spara fid-direzzjoni lejn il-karozza.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghal *GSR Test* li gie esebit minn Matthew Grima a fol. 478 fejn tali test ikkonkluda hekk:

> *"Ir-rizultati ta' din l-analiza stabilixxew li ma kienx hemm il-prezenza ta' GSR fuq il-kampjuni elevate minn fuq Joseph Cardona. Fir-rigward tal-vettura, specifikament fuq il-kampjun 'Steering', instabet particella wahda (1) tat-tip 'Characteristic'. Waqt li din il-particella hija konsistent ma' produzzjoni minn arma tan-nar, is-sejba ta' particella wahda toffri evidenza, izda b' sahha limitata ghall-propozizzjoni ta' arma sparata mill-vicinanzzi tal-isteering tal-vettura f' dan il-kaz."*

Illi l-Qorti ssibha difficli li temmen minn din il-prova li l-imputat fil-fatt uza l-arma jekk minn dan it-test ma nstab ebda tracca u hjiel ta' tali sparatura.

Illi oltrè minn hekk din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda moghtija minn PC 1525 Patrick Farrugia. Tali xhud jghid hekk meta mistoqsi minn din l-istess Qorti:

*"Qorti: Meta intom hadtu l-arma.*

*Xhud: Ehe.*

*Qorti: Jiena Nahseb li jezisiti xi tip ta' ezami li jista' jsir fuq arma biex tara jekk intuzatx jew le, le?*

*Xhud: Kif?*

*Qorti: Isir xi ezami fuq arma biex tara jekk din intuzatx ricentament jew le, le? Ghandi amment li jezistu dan it-tip t' ezamijiet.*

*Xhud: Jezisti ezami jghidulu, jghidulu autonal washout.*

*…*

*Pros: Dan l-ezercizzju sar? Dan l-ezercizzju sar?*

*Qorti: Le, ma sarx, ma sarx u.*

*Xhud:* *Le, ma sarx, ma sarx."*

Illi din il-Qorti ghalhekk issibha ugwalment difficli li tiddikjara li l-prosekuzzjoni rnexxielha ggib l-aqwa prova ghall-akkuza li l-imputat uza arma regolari sabiex jikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-parte civile jekk hemm dubju li l-arma ntuzat fil-fatt intuzat.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat mhux hati ta' dan l-aggravju.

<u>Licenzjar tal-Arma</u>

Illi referenza ssir ghall-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenzja taħt dan l-Att.*"

Illi mix-xhieda hareg bic-car li nstab shotgun ta' lewn iswed tal-ghamla Silma. Mix-xhieda ta' WPC 249 Cassandra Grech jirrizulta li fil-fatt l-imputat ghandu licenzja ghal din l-istess arma.

Illi din il-Qorti hija konvinta li din l-arma ma ntuzatx fl-ebda mument dakinhar tal-allegat reat u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' Matthew Grima. Oltre minn hekk l-investigazzjoni tindika li l-arma nstabet gewwa l-propjetà tal-imputat.

Illi din il-Qorti, kif digà gie ritenut, hija sprovvista minn kwalunkwe tip ta' analizi forensika fuq l-arma li tindika li l-imputat uza l-arma. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-prosekuzzjoni kif ukoll il-parte civile naqsu milli jipprezentaw evidenza fotografika jew inkella vidjografika.

<u>**Bizà ta' Vjolenza**</u>

Illi l-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali jistabbilixxi s-segwenti:

> *"251B. (1) Persuna li l-imgieba taghha tikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-*

*proprjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun hatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li limgieba taghha se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet, u tista' tehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u hames mitt euro (€6,500) u mhux izjed minn hmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien."*

Illi dan l-artikolu jirreferi ghal persuni li l-imgiba taghhom tkun wahda dubjuza. Fil-fatt fit-test Ingliz jintuzaw il-kliem "whose course of conduct is in question"; u ghalhekk imissha tkun taf li ser tikkaguna bizà f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrih f'xi okkazjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgiba tkun ser tikkaguna bizà fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazjoni. Illi mis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell hareg illi t-test li jrid jigi applikat hu wiehed oggettiv. (vide **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** dec. 18/06/2009 u **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini** dec. 27/02/2009).

Fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Micallef** deciza fl-14 ta' Ottubru 2011, il-Qorti kienet irrimarkat is-segwenti a rigward l-elementi ta' dan ir-reat:

*"Ser issa jigi kunsidrat it-tieni aggravju tal-appellant b'riferenza ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B (1) tal-Kodici Kriminali. F'dan ir-rigward l-appellant isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setgħet qatt twassal għal sejbien ta' ħtija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' lanqas zewg okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza flismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat de quo gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal- Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif*

*preseduta. Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li il-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B (1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-ommissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-ommissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid- definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament tagħti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tieghu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta.*

*Għaldaqstant din il-Qorti, għar-raġunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imġieba li għaliha jagħmel riferenza l-artikolu 251B (1) għandha tikkonsisti f' mhux anqas minn żewġ okkażjonijiet. Billi, kif sewwa irrileva l-appellant, dak li ġie pruvat fil-konfront tiegħu seħħ f'okkażjoni waħda din il-Qorti sejra għalhekk tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni."*

Illi fil-kaz in ezami jinghad illi l-parte civile kollha ffukaw fuq l-imgiba ta' Angie Azzopardi, u cioè l-eks mara ta' Raymond Azzopardi, minflok fuq l-imputat Joseph Cardona. Oltre minn hekk mill-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti qieghda tara bizzejjed dubju li juri li l-imputat l-anqas kellu arma f'idejh. Ghalhekk din il-Qorti hija nieqsa minn tali informazzjoni oggettiva dwar l-imputat u ghalhekk ma tistax taghti gudizzju fil-konfront tieghu.

Illi ghalhekk l-artikolu 251B ma jistax jigi applikat ghall-kaz *de quo* ghaliex l-elementi ta' dan ir-reat u cioè l-*course of conduct* ma gewx ippruvati.

Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali

Illi l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "*Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min*
>
> –
>
> *e). jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.*"

Illi ebda prova ma ngabet mill-prosekuzzjoni sabiex tipprova li l-imputat hedded jew ghamel ingurji fil-konfront tal-parte civile. Ghalhekk stante nuqqas ta' provi fuq l-akkuzi l-ohra kollha din il-Qorti ser ssib lill-imputat ukoll mhux hati ta' dan l-aggravju.

Recidiva

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm giet ipprezentata sentenza a rigward dan l-aggravju, madanakollu l-ebda persuna

ma kkonfermat li din is-sentenza llum il-gurnata hija definittiva u *res judicata*. Illi ghalhekk dan l-aggravju ma giex ippruvat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-imputat **Joseph Cardona** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante nuqqas ta' provi lil hinn minn kull dubju dettat mil-ligi.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**